**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 1 ta' Frar 2002**

**Numru 4**
**Rikors Nru. 818/96 FDP**

**Mario Borg**

**Vs**

**Chairman Koporazzjoni Telemalta;**
**U b'digriet tas-26 ta' Lulju 2000, isem is-socjeta` konvenuta gie mibdul ghal Maltacom plc**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tal-11 ta' Marzu 1996 fejn gie premess:-

Premess illi l-attur ilu impjegat mal-korporazzjoni konvenuta minn Jannar 1972 u kienu miftuhin ghalih promozzjonijiet diversi li

ghalihom applika u kien intitolat ukoll ghalihom;

Premess illi skond ic-cirkolari tal-management tal-Korporazzjoni Telemalta numru 53/89 tat-23 ta' Gunju 1989 saret sejha ghall-applikazzjonijiet biex issir promozzjoni ghal Telegraph Supervising Officer u fost il-kundizzjonijiet kien hemm illi l-applikant irid ikollu tnax il-sena esperjenza fil-qasam tat-telekomunikazzjonijiet u liema kundizzjoni l-attur kien jissodisfa u inoltre il-korporazzjoni intrabtet illi "l-applikanti jkollhom jidhru quddiem bord tal-ghazla biex jigu intervistati u l-hatra issir skond l-ordni tal-meritu miksub";

Premess illi wara li hargu r-rizultati relattivi l-attur kiseb puntegg ta' 75 ekkwivalenti ghall-istess marka li gabu seba kandidati ohra illi kollha kemm huma inghhataw il-promozzjoni ta' Telegraph *Supervising* Officers;

Premess illi sussegwentement il-Korporazzjoni Telemalta tat il-promozzjoni lil Joseph Ellul u lil Emanuel Sammut illi kienu gabu marki ferm inqas mill-attur;

Premess illi minkejja diversi tentattivi tal-attur biex jikkonvinci il-Korporazzjoni Telemalta biex taghtih dak li haqqu u skond il-kundizzjonijiet li ghalihom intrabtet l-istess Korporazzjoni Telemalta bic-cirkolari imsemijja naqset li taghmel dan;

Premess illi minn dak iz-zmien sa llum il-post ta' Telegraph Supervising Officer gie assimilat

mal-grad ta' Customer Service Officer u ghalhekk l-attur ghandu dritt li jkun Customer Service Officer;

Talab ghalhekk lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-attur huwa intitolat ghal promozzjoni ghal grad ta' Telegraph Supervising Officer li llum huwa assimilat ta' Customer Service Officer u dana abbazi ta' l-ezami illi huwa ghamel skond ic-cirkolari 53/89 tal-Korporazzjoni Telemalta;

2. Tikkundanna lil-istess konvenut nomine li jhallas lill-attur l-arretrati kollha dovuti lilu abbazi tal-promozzjoni li kienet dovuta lilu kif intqal sad-data ta' l-effettiva promozzjoni mitluba fl-ewwel talba;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-13 ta' Lulju 1996 fejn gie premess:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li l-attur m'ghandux id-dritt li qieghed jippretendi u kwindi mhux intitolat ghall-promozzjoni minnu reklamata;

2. Salv eccezzjonijet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Dr Joseph Schembri ghac-Chairman tal-Korporazzjoni Telemalta u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi l-Korporazzjoni Telemalta kienet ghamlet sejha interna ghal applikazzjonijiet ghal postijiet fil-grad ta' *Telegraph Supervising Officer* permezz ta' Cirkulari tal-Management Nru: 53/89 datata 23 ta' Gunju 1989 (fol 23). Skond l-istess cirkolari, l-applikanti kellhom jidhru quddiem Bord ta' Ghazla biex jigu intervistati u l-hatra kellha ssir skond l-ordni tal-mertu miksub;

Illi l-attur kien applika ghal dan il-post u resaq ghall-*interview*. Skond il-lista tar-rizultati (fol 7-9) huwa gab 75 marka u ma inghatax il-*promotion*.

<u>Dwar l-applikanti li gabu marka daqs ta' l-attur u hadu l-promotion</u>:-

Illi l-attur fl-affidavit tieghu jilmenta li minn dawk li applikaw kien hemm min gab l-istess marka

daqsu u ha l-promozzjoni ta’ Telegraph Supervising Officer (TSO);

Illi David Buttigieg, *executive principal* fl-ufficcju tad-Direttur tar-Rizorsi Umani u Amministrazzjoni, fl-affidavit tieghu spjega li skond ftehim bejn il-Korporazzjoni Telemalta, illum Maltacom plc, u l-General Workers’ Union kellhom jigu appuntati sittax-il haddiem fil-grad ta’ TSO. Kompla jghid li kien hemm tnax-il haddiem li gabu marka oghla minn dik ta’ l-attur izda peress li applikaw u kkwalifikaw ghal grad oghla minn dak ta’ TSO dawna ma gewx moghtija dan il-grad. Haddiem iehor lahaq irtira mix-xoghol u ghalhekk ma giex ikkalkulat mas-sittax originali. Qal li sabiex jinthahaq il-compliment ta’ sittax-il TSO kellhom jigu maghzula erba’ kandidati minn sitta (li lkoll gabu l-istess marka bhal dik ta’ l-attur). Giet ikkunsidrata l-anzjanita` ta’ bejniethom u gew maghzula George Fleri Soler, Raphael Debattista, Anthony Fenech u Henry C Fenech. Wara rapprezentazzjonjiet tal-GWU fis-sens li Alfred Degabriele kellu anzjanita` aktar minn Anthony Fenech, u wara verifika, irrizulta li dan kien verament il-kaz u ghalhekk Degabriele inghata l-grad ta’ TSO fil-15 ta’ Ottubru 1992, b’effett bhall-hatriet l-ohra, u cioe` 5 ta’ Gunju 1987. Ix-xhud kompla jispjega li minhabba f’hekk, peress li Fenech kien lahaq inghata l-grad ta’ TSO dana thalla f’dan il-grad. *“Nonostante dan, irid jinghad li l-attur Mario Borg xorta jigi l-ahhar fl-anzjanita` mis-sitt impjegati li gabu hamsa u sebghin marka.”* Ghalhekk ix-xhud jinsisti li l-promozzjonijet fil-grad ta’ TSO saru b’mod korrett.

<u>Dwar iz-zewg impjegati li gabu marka inqas minn ta' l-attur u hadu l-promotion</u>:-

Illi jirrizulta li certu Emanuel Sammut u Joseph Ellul kienu resqu ghall-*interview*, u nonostante l-fatt li gabu marki inqas minn ta' l-attur, xorta hadu l-promotion. Dwar dan l-ilment, ix-xhieda guramentata ta' Dr Schembri, annessa man-nota ta' eccezzjonijiet tispjega li fit-22 ta' Gunju 1989 kien hemm qbil mal-General Workers' Union li l-grad ta' "supervisor telegraph" kellu jigi abolit u ghalhekk dawk l-impjegati li kienu jokkupaw dik il-kariga kellhom japplikaw ghall-vakanzi ta' "telegraphs operations officer", "telegraph branch officer" u "telegraph supervising officer". Rizultat ta' dan Sammut u Ellul gew appuntati fil-grad ta' "telegraph supervising officer" avolja gabu marki inqas minn ta' l-attur.

<u>Dwar il-kaz ta' Ronald Sacco</u>:-

Jirrizulta li certu Ronald Sacco, li gab marka izjed gholja minn dik ta' Ellul u Sammut (izda anqas minn dik ta' l-attur) ressaq il-kaz tieghu quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji. Fid-decizjoni tieghu (tat-18 ta' Marzu 1998) it-Tribunal qal li bil-ftehim li kien sar bejn it-Telemalta u l-General Workers' Union saret ingustizzja mar-rikorrent. *"Il-ftehim milhuq bejn it- Telemalta u l-General Workers' Union ma seta' qatt jorbot u jolqot avversament lir-rikorrent u nies bhalu. Il-fatt li grad kellu jispicca mhux gustifikazzjoni biex issir*

*ingustizzja a skapitu ta' terzi."* It-Tribunal ghalhekk kien irrakomanda li Sacco jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Telegraph Supervising Officer u dan b'effett [bhall-ohrajn] mill-5 ta' Gunju 1987 u bl-arretrati tad-differenza fil-paga;

Illi sussegwentement permezz ta' ittra datata 19 ta' Awissu 1998, Tony Meilaq, Chairman tas-socjeta' Maltacom, informa lill-istess Ronald Sacco li fid-dawl tas-sentenza moghtija mit-Tribunal, huwa gie mahtur bhala Telegraph Supervising Officer b'effett mill-5 ta' Gunju 1987 u li n-nomenklatura prezenti tieghu hi ta' Customer Services Officer[1];

Illi ghalhekk Sacco inghata r-rimedju kompensattiv lilu dovut. Fil-kaz ta' l-attur jirrizulta li huwa ircieva ittra datata 21 ta' Dicembru 1998 (fol 92) fejn gie mgharraf li huwa qed jigi mahtur bhala Customer Service Officer bi prova ghal tlett xhur b'sehh mit-28 ta' Mejju 1998.

Konsiderazzjonijiet:

Illi l-Qorti taqbel mad-decizjoni tat-Tribunal li l-fatt li grad kellu jispicca mhux gustifikazzjoni biex issir ingustizzja a skapitu ta' terzi. Anke jekk kien hemm ftehim mal-GWU li l-impjegati li kienu jokkupaw il-kariga ta' "supervisor telegraph" issa setghu japplikaw

[1] Dan peress li minn dak iz-zmien sa llum jirrizulta li l-post ta' TSO gie assimilat mal-grad ta' "Customer Services Officer" meta twaqqaf il-"Customer Services Unit" fl-1 ta' Gunju 1993.

ghall-vakanzi ta' "telegraphs operations officer" "telegraph branch officer" u "telegraph supervising officer" ma jkunx gust li tali appikanti jiehdu vantagg fuq min ikun gab aktar marki minnhom, kif gara propju fil-kaz ta' Sacco u ta' l-attur. U ghalhekk kien xieraq li din l-ingustizzja tigi rimedjata kif fil-fatt gara fil-kaz ta' Ronald Sacco. Fil-kaz ta' Sacco jidher li s-socjeta` konvenuta qaghdet fuq ir-rakommandazzjoni tat-Tribunal u appuntatu bhala Telegraph Supervising Officer (li minn Gunju 1993 gie assimilat mal-grad ta' Customer Service Officer) b'effett mill-5 ta' Gunju 1987, u dan peress li l-hatriet ta' TSO jirrizulta li inghataw b'effett mill-5 ta' Gunju 1987. Fil-kaz ta' l-attur, pero`, huwa sussegwentement inghata l-hatra ta' Customer Service Officer b'effett mit-18 ta' Mejju 1998 u mhux mill-5 ta' Gunju 1987, bhall-ohrajn. Ghalhekk ghalkemm l-attur spicca biex ha l-promotion, ma hadhiex b'effett mill-5 ta' Gunju 1987, kif kien ikun gust u xieraq li tinghatalhu, bir-rizultat li tilef b'hdax-il sena arretrati. Ghalhekk gie li saret ingustizzja mieghu darbtejn.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba peress li fil-mori tal-kawza l-attur inghata l-hatra ta' "Customer Service Officer";

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur l-arretrati

kollha dovuti lilu mill-5 ta' Gunju 1987 sat-18 ta' Mejju 1998, li hija d-data ta' l-effettiva promozzjoni;

L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur